MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 960/1999/1

**Alex u Cheryl Camilleri fil-kwalita taghhom bhala legittimi rappresentanti tat-tifla minuri taghhom Rebecca Camilleri.**

**Vs**

**Silvio Camilleri u Master Wine Limited.**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fl-20 ta' Dicembru, 1998 f'San Pawl tat-Targa t-tifla minuri ta' l-atturi Rebecca Camilleri korriet meta ceda kantun minn cint kostruwit mill-konvenuti jew min minnhom u waqa' fuq idha.

Premess illi a kawza ta' dan, l-istess minuri sofriet danni konsistenti f'dizabilita' permanenti fuq persuntha.

Premess illi dan l-incident sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom minhabba mperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti meta gie kostruwit cint li ma sarx skond is-sengha u l-arti u ma mantnewx l-istess cint b'diligenza.

Ghaldaqstant il-konvenuti talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh fl-20 ta' Dicembru, 1998 f'San Pawl tat-Targa meta korriet il-minuri Rebecca Camilleri sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta' dan l-incident, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi,

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 9 fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla stante li mhix iffirmata minn prokuratur legali u mhux istitwita fl-ebda qorti fil-formola tac-citazzjoni u dana kif inhu tassattivament rikjest mill-ligi.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante li :-

a) huma m'humiex il-legittimi kontradittturi peress li huma mhux is-sidien tac-cint in kwistjoni;

b) illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess ix-xogholijiet fuq l-istess cint ma tkomplewx stante li kien hemm ordni tal-qorti permezz ta' mandat ta' inibizzjoni istitwit minn certu Ivan Gravina;

c) Illi inoltre l-hajt inbena skond l-arti u sengha u dana skond kif jista' jiccertifika l-perit Dennis de Lucca;

d) Illi l-atturi huma l-kawza tad-danni sofferti lill-binthom u dana stante li ma pprovdewx kustodja adegwata u hallew lil binthom tigri barra minghajr is-sorveljanza taghhom.

Rat id-digriet a fol. 22 u r-relazzjoni a fol. 39;

Rat id-digriet a fol. 27 u r-relazzjoni a fol. 33;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Provi**

**Alex Camilleri** xehed li kien baghat lit-tifla biex iggiblu *calculator* mid-dar li qeghda bieb ma bieb mal-hanut fejn kien. Imbaghad sema t-tifla twerzaq u ra lill-mara tieghu hdejn it-tarag tal-hanut bit-tifla kollha demm.

It-tifla qaltlu li kienet marret ma zewgt itfal hdejn bicca art li hemm vicin id-dar taghhom u telghu fuq cint. Meta kienet fuq ic-cint dan sfronda tahtha u waqghet. Waqa' kantun mill istess cint u gie fuq il-pala ta' idha.

Ic-cint hu proprjeta' ta' Silvio Camilleri jew kumpanija tieghu. Ic-cint sar ta' kif gie gie u kemm huma u kemm il-girien kemm il darba lmentaw dwaru. Camilleri qatt ma ha hsiebu.

Lit-tifla kien wissieha biex ma titlax mal-hajt.

**Cheryl Camilleri,** omm it-tifla xehdet li t-tifla qaltilha li kienet marret ftit metri l-boghod mid-dar ma' zewgt itfal . Dawn telghu fuq ic-cint u qalu lit-tifla biex titla' wkoll. Ghal l-ewwel irrifjutat ghax bezghet pero' wara telghet u kif ghamlet hekk ic-cint ceda tahtha u waqghat bic-cint b'kollox u waqa' kantun fuq il-pala t'idejha.

Ic-cint kien perikoluz u kien mibni b'mod mhux sod u kien hemm xi knaten li kienu ser jaqghu l-ahhar. Kienu gibdu l-attenzjoni ta' Camilleri dwar dana pero ic-cint baqa' l-istess.

**Joseph Gauci** xehed li hemmhekk kien qed jinbena garaxx li sa fejn jaf hu kellu jkun proprjeta' ta' Silvio Camilleri tal-Master Wine (fol 14). Il-hajt kif kien kien perikoluz ghax mhux komplut u gholi xi tnax il-pied u m'ghandux ma xhiex izomm. Il-hajt mhux qed jiehdu hsiebu ghax hemm kwistjoni fil-Qorti bejn Gravina u l-konvenut.

**John Gravina** xehed li c-cint inkwistjoni kien tellghu l-konvenut Silvio Camilleri. Hu kien ghamillu mandat ta' inibizzjoni kontra Camast Ltd. Fizikament il-hajt bnewh il-bennejja li qabbad u fuq inkarigu ta' Silvio Camilleri.

**Mary Buttigieg** xehdet li l-hajt kien qisu bicca cint u allahares ghamel xi rih qawwi fuqu ghax kien jaqa' zgur ghax m'hemmx ilqugh warajh.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dina l-kawza tirrigwarda talba ghal danni sofferti mill atturi kif citati in segwitu ghall-incident tal-20 ta' Dicembru, 1998 f'San Pawl tat-Targa meta t-tifla taghhom minuri Rebecca Camilleri korriet meta ceda kantun minn cint mibni mill-konvenut, fuq id it-tifla u kawza ta' dana, t-tifla tilfet zewg swaba.

**Legittimu kontradittur**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament li huma m’humiex il-legittimi kontraditturi peress li huma mhux is-sidien tac-cint in kwistjoni.

Dwar dina l-eccezzjoni l-attur xehed li c-cint hu proprjeta’ ta’ Silvio Camilleri jew tal-kumpanija tieghu Master Wine Limited. Il-konvenut ma xehedx izda fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu ghamel biss referenza ghax xhieda ta’ John Gravina li qal li hu kien talab il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra Camast Ltd ghalkemm fizikament il-hajt bnewh il-bennejja li qabbad Silvio Camilleri u fuq inkarigu ta’ l-istess Camilleri. Il-konvenut pero’ ma ndikax ta’ min hu l-hajt jekk hux kif qed jghidu l-atturi jew kif qed jghid Gravina. In vista ta’ dana l-Qorti tiddeciedi li l-konvenuti ma jippruvawx li l-hajt mhux kif qed jghidu l-atturi u ghalhekk l-eccezzjoni taghhom qed tigi michuda.

Fil-mertu l-Qorti giet mitluba biex l-ewwel tiddeciedi biss fuq ir-responsabilita’ f’dan l-istadju.

**RESPONSABILITA’**

**Kontestazzjoni**

L-atturi jissottomettu li l-incident gara billi l-hajt kien perikoluz u mibni kif gie gie u meta binthom telghet fuq ic-cint dana cedha biha b’kollox.

Il-konvenuti minn naha l-ohra ssottomettew li l-incident gara ghax t-tifla ta’ l-atturi ixxabbtet mal-hajt u mhux minhabba l-istat tal-hajt li, fil-fatt gie certifikat mill-perit imqabbad mill-Qorti bhala mibni skond l-arti u s-sengha.

Skond l-artikolu 1041 tal-Codici Civili, is-sid ta’ bini jwiegeb ghall-hsara li ssir mit-tigrif tal-bini, meta dan it-tigrif jigri minhabba nuqqas ta’ tiswijiet, jew minhabba difett fix-xoghol tal-bini, izda dan kemm il-darba s-sid kien jaf b’dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti.

Il-Qorti kienet innominat lill Perit Albert Fenech biex jaccedi fuq il-post u jaghmel pjanta ta’ fejn hemm il-hajt in kwistjoni (fol 22). Il-Perit ipprezenta r-relazzjoni tieghu u din tinsab a fol. 39 et seq tal-process. Importanti huma s-segwenti brani mir-relazzjoni li l-Qorti qed tirriproduci billi ghandhom rilevanza ghas-soluzzjoni tal-mertu ta’ dina l-kawza. Hu qal hekk:

**Relazzjoni Perit Albert Fenech**

Tajn ta’ fejn kien hemm il-kantun li waqa’ jew twaqqa’ ghadu mwahhal mal-knaten sottostanti u l-kwalita’ ta’ dan it-tajn hija konsidrata adegwata, mhux ta’ kwalita’ inferjuri.

Il-hajt kien gie mibni b’kantun singlu, u mieghu gew inkorporati pilastri adegwament spazjati. Kieku l-hajt, bhala ‘*free-standing wall*” sar ehxen kien ikun aktar stabbli minhabba rezistenza akbar li kien ikollu kontra xi rifnu jew kontra xi forza ohra laterali. B’dana kollu sa fejn jidher il-hajt fih innifsu kien gie mibni skond is-sengha u b’tajn adegwat.

**Peress illi l-hajt ma tkompliex jinaghqad mal-hajt ta’ madwar beni adjacenti ta’ terzi, u b’hekk xi filati ma gewx imqabbda fl-interita’ taghhom, kantun f’tarf ta’ filata mhiex kompluta ghall kollox seta’ aktar facilment jigi spustjat u/jew imwaqqa’, partikolarment jekk ma kellux lanqas parti zghira minnu taht parti ta’ kantun iehor, fejn il-hajt thalla mtarrag.**

**Fejn gara l-incident, il-kantun li waqa’, jew twaqqa, ghalkemm kien regolarment inkulmat mal-kantun adjacenti fl-istess filata, ma kellux qabda ta’ parti minn kantun iehor fuqu, u ghalhekk gie spustjat aktar facilment, partikolarment ghax kien mehxen seba’ pulzieri,** bil-konsegwenza li kien relattivament ehfef minn kantun mehxen disa’ pulzieri u ghalhekk aktar suxxettibbli ghal xi forza laterali li b’nuqqas ta’ hsieb setghet giet ezercitata fuqu anke forsi qabel gara l-incident in kwistjoni; ghax il-kantun seta’ kien gja nqata’ xi ftit mit-tajn li kien imqieghed fuqu, jekk xi hadd anke ftit qabel,

ixxabbat mieghu, u b'hekk aggrava l-instabilita' ta' dan il-kantun.

B'dana kollu ma giex rilevat jekk qabel gara l-incident il-kantun in kwistjoni kienx spustjat, arbulat jew sporgut il-barra jew il-gewwa minn wicc il-hajt, flok fiss u livell f'postu kif prezumibilment kien. Fin-nuqqas ta' provi ghall-kuntrarju, il-prezunzjoni ghandha tkun li l-kantun in kwistjoni kien f'postu u ghalhkekk seta' waqa' biss jekk xi hadd caqilqu jew ixxabbat mieghu.

Il-kantun li waqa' jew twaqqa' hu madwar 43 metru boghod mir-residenza ta' l-atturi.

Meta mbaghad il-Perit xehed fil-Qorti hu kkonferma li x-xoghol ma kienx komplut biex jaghlaq ma' hajt iehor. Dan ifisser li seta' facilment jaqa' jew inkella gradatament jaqa' forsi jiccaqlaq ghax kellu tajn u seta kien imcaqlaq la waqa'. Meta jkun komplut hajt ikun inkulmat sat-tarf tieghu. Il-gebla li waqghet kienet wahedha cioe' ma kellha xejn fuqha u kienet sa seba' pulzieri hxuna. Din kienet qed isserrah mal-hajt minn naha wahda biss. Meta l-hajt ikun komplut bl-inkolmatura, l-gebel jaghfas ma' xulxin, inkellha jkollhom pilastru. F'dan il-kaz ma kienx hekk. Il-porzjon tal-hxuna ma' l-gholi jaffettwa hafna u anke t-toqol tal-gebla. Biex ikun aktar sod il-hajt irid ikun tad disa' u komplut.

Illi ghalhekk jirrizulta mir-relazzjoni tal-perit li ghalkemm il-hajt kien mibni skond l-arti u s-sengha, dana pero' ma kienx komplut fis-sens li ma kienx komplut u marbut kompletament b'mod li jitnehha kull perikolu.

L-artikolu 1041 pero' isemmi wkoll li s-sid tal-hajt ikun responsabbili jekk hu kien jaf b'dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti. Fuq dana l-punt l-atturi xehdu li l-hajt kien perikoluz, kien sar ta' kif gie gie u kemm huma u kemm il-girien kemm il darba lmentaw dwaru ma' Camilleri, izda dana qatt ma ha hsiebu.

Ghalhekk il-konvenuti ghandhom jinzammu parzjalment responsabbli ghal li gara billi l-hajt ma kienx komplut u

kulmat kompletament u l-konvenuti kienu jafu b'dana u setghu jipprevedu li jista' jinqala xi incident kemm jekk xi hadd jersaq lejn il-hajt u jigi in kuntatt mieghu kif ukoll minhabba xi forzi naturali laterali (ara kostatazzjonijiet tal-Perit).

Izda l-Qorti hi tal-fehma li l-incident gara wkoll tort tat-tifla ghax din xxabbtet fuq ic-cint meta dana ma kienx maghmul ghal hekk.

Skond l-awtur Charlesworth On Negligence, 2nd Ed p 155-156: "*The obligation to maintain premises adjoining the highway so that they are not dangerous to persons using the highway extends to fences and boundary walls adjoining the highway. If a person, in the ordinary and reasonable use of the highway, leans upon or otherwise comes in contact with the fence or wall so that it gives way and he is injured, he can recover from the occupier of the premises*".

Dan il-principju gie segwit fis-sentenza App Kum Attard vs Farrugia 14/7/88 fejn il-Qorti qalet li: "Jekk ic-cirkostanzi juru li kien qed isir "*ordinary and reasonable use*" allura jekk bhala konsegwenza ta' dak l-uzu, xi hadd ikorri, ikun hemm lok ghall danni. Jekk ghall-kuntrarju c-cirkostanzi juru li ma kienx hemm dan l-uzu ordinarju u ragjonevoli, allura ma jkun hemm ebda dritt ghad-danni".

Skond l-attur Alex Camilleri hu kien wissa minn qabel lill binthu biex ma titlax ma dak il-hajt (billi kien jaf li kien perikoluz) izda ta' tifla zghira li kienet ma qiesitx il-konsegwenza ta' l-agir taghha. Skond ma qalet it-tifla lill genituri taghha hi kienet marret ftit metri l-boghod mid-dar ma' zewgt itfal . Dawn telghu fuq ic-cint u qalu lit-tifla biex titla' wkoll. Ghal l-ewwel irrifjutat ghax bezghet pero' wara telghet u kif ghamlet hekk ic-cint ceda tahtha u waqghat bic-cint b'kollox u waqa' kantun fuq il-pala t'idejha. Illi t-tifla ta' l-atturi u t-tfal l-ohra ma kienux qed jaghmlu uzu ordinarju u ragjonevoli tal-hajt billi dana mhux maghmul biex titla mieghu u toqghod tixxabbat imma kien intiz biex jaghlaq il-plot li kien hemm. Li kieku ma xxabbtux mac-cint il-kantun ma kienx jaqa'.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li t-tort ta' l-incident kien kemm tal-konvenuti kif ukoll ta' Rebecca Camilleri pero' fi grad mhux ndaqs. Rebecca Camilleri tahti ghal zewg terzi mit-tort, mentri l-konvenuti terz.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi :

tiddikjara illi l-incident li sehh fl-20 ta' Dicembru, 1998 f'San Pawl tat-Targa meta korriet il-minuri Rebecca Camilleri sehh tort tal-konvenuti u ta' l-istess Rebecca Camilleri, kwantu ghal terz mit-tort ghall konvenuti, u zewg terzi ghall Rebecca Camilleri;

tidifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi fuq it-talbiet l-ohra ghas-6 ta' Dicembru, 2002.

Spejjez riservati ghad decizjoni finali.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**